# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2464

## tat-18 ta' Diċembru 2017

## li tawtorizza lill-Awstrija u r-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugwaj, tal-Kolombja u ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(3), flimkien mal-Artikolu 218 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea stabbilixxiet bħala wieħed mill-għanijiet tagħha l-promozzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-minuri, kif iddikjarat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-miżuri għall-protezzjoni tal-minuri kontra t-teħid jew żamma illeċiti huma parti essenzjali minn dik il-politika.

(2) Il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 [2] ("Regolament Brussell IIa"), li għandu l-għan li jħares lill-minuri mill-effetti dannużi tat-teħid jew żamma illeċiti u li jistabbilixxi proċeduri biex jiżgura r-ritorn minnufih tagħhom lejn l-Istat tar-residenza abitwali tagħhom, kif ukoll li jiżgura l-ħarsien tad-drittijiet tal-aċċess u tad-drittijiet tal-kustodja.

(3) Ir-Regolament Brussell IIa jikkumplimenta u jirrinforza l-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980") li tistabbilixxi, fil-livell internazzjonali, sistema ta' obbligi u kooperazzjoni fost l-Istati kontraenti u bejn l-awtoritajiet ċentrali u għandha l-għan li tiżgura r-ritorn minnufih ta' minuri li jittieħdu jew jinżammu illeċitament.

(4) L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma partijiet għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(5) L-Unjoni tinkoraġġixxi lil Stati terzi biex jaċċedu għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u tappoġġa l-implimentazzjoni korretta tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 billi tieħu sehem, flimkien mal-Istati Membri, fost oħrajn, fil-kummissjonijiet speċjali organizzati fuq bażi regolari mill-Konferenza tal-Aja dwar id-dritt internazzjonali privat.

(6) Qafas legali komuni applikabbli bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u Stati terzi jista' jkun l-aħjar soluzzjoni għal każijiet sensittivi ta' ħtif internazzjonali ta' minuri.

(7) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 tistipula li hija tapplika bejn l-Istat aderenti u dawk l-Istati kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni.

(8) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ma tippermettix li organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika bħall-Unjoni jsiru partijiet għaliha. Għalhekk, l-Unjoni la tista' taderixxi ma' dik il-Konvenzjoni, u lanqas ma tista' tiddepożita dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' Stat aderenti.

(9) Skont l-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [3], id-dikjarazzjonijiet ta' aċċettazzjoni taħt il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni.

(10) Il-Panama ddepożita l-istrument ta' adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fit-2 ta' Frar 1994. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 daħlet fis-seħħ għall-Panama fl-1 ta' Mejju 1994.

---

[1] Opinjoni tat-30 ta' Novembru 2017 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1).

[3] ECLI:EU:C:2014:2303.

(11) L-Istati Membri kkonċernati kollha, bl-eċċezzjoni tal-Awstrija u tar-Rumanija, diġà aċċettaw l-adeżjoni tal-Panama mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Il-Panama aċċettat l-adeżjoni tal-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta u s-Slovenja mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fil-Panama wasslet għall-konklużjoni li l-Awstrija u r-Rumanija jinsabu f'pożizzjoni li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni, l-adeżjoni tal-Panama skont it-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(12) L-Urugwaj iddepożita l-istrument ta' adeżjoni tiegħu mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fit-18 ta' Novembru 1999. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 daħlet fis-seħħ għall-Urugwaj fl-1 ta' Frar 2000.

(13) L-Istati Membri kkonċernati kollha, bl-eċċezzjoni tal-Awstrija u tar-Rumanija, diġà aċċettaw l-adeżjoni tal-Urugwaj mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. L-Urugwaj aċċetta l-adeżjoni tal-Bulgarija, l-Estonja, l-Latvja u l-Litwanja mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fl-Urugwaj wasslet għall-konklużjoni li l-Awstrija u r-Rumanija jinsabu f'pożizzjoni li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni, l-adeżjoni tal-Urugwaj skont it-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(14) Il-Kolombja ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni tagħha mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fit-13 ta' Diċembru 1995. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 daħlet fis-seħħ għall-Kolombja fl-1 ta' Marzu 1996.

(15) L-Istati Membri kkonċernati kollha, bl-eċċezzjoni tal-Awstrija u tar-Rumanija, diġà aċċettaw l-adeżjoni tal-Kolombja mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Il-Kolombja aċċettat l-adeżjoni tal-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u Malta mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fil-Kolombja wasslet għall-konklużjoni li l-Awstrija u r-Rumanija jinsabu f'pożizzjoni li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni, l-adeżjoni tal-Kolombja skont it-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(16) El Salvador ddepożita l-istrument ta' adeżjoni tiegħu mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fil-5 ta' Frar 2001. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 daħlet fis-seħħ għal El Salvador fl-1 ta' Mejju 2001.

(17) L-Istati Membri kkonċernati kollha, bl-eċċezzjoni tal-Awstrija u tar-Rumanija, diġà aċċettaw l-adeżjoni ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. El Salvador aċċetta l-adeżjoni tal-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni f'El Salvador wasslet għall-konklużjoni li l-Awstrija u r-Rumanija jinsabu f'pożizzjoni li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni, l-adeżjoni ta' El Salvador skont it-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(18) Għalhekk jenħtieġ li l-Awstrija u r-Rumanija jkunu awtorizzati jiddepożitaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugwaj, tal-Kolombja u ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fl-interess tal-Unjoni skont it-termini stipulati f'din id-Deċiżjoni. L-Istati Membri l-oħrajn tal-Unjoni li diġà aċċettaw l-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugwaj, tal-Kolombja u ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ma jeħtiġux li jiddepożitaw dikjarazzjonijiet ġodda ta' aċċettazzjoni billi d-dikjarazzjonijiet eżistenti jibqgħu validi taħt il-liġi internazzjonali pubblika.

(19) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bir-Regolament Brussell IIa u qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(20) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Awstrija u r-Rumanija huma b'dan awtorizzati li jaċċettaw l-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugwaj, tal-Kolombja u ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fl-interess tal-Unjoni.

2. L-Awstrija u r-Rumanija għandhom, sa mhux aktar tard mid-19 ta' Diċembru 2018, jiddepożitaw dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugwaj, tal-Kolombja u ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, fl-interess tal-Unjoni, li għandha tkun ifformulata kif ġej:

"[L-isem sħiħ tal-ISTAT MEMBRU] jiddikjara li jaċċetta l-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugwaj, tal-Kolombja u ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2464".

3. L-Awstrija u r-Rumanija għandhom jinformaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bid-depożitu tad-dikjarazzjoni tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugwaj, tal-Kolombja u ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dikjarazzjonijiet fi żmien xahrejn minn meta jiddepożitawhom lill-Kummissjoni.

*Artikolu 2*

Dawk l-Istati Membri li ddepożitaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugwaj, tal-Kolombja u ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 qabel id-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma għandhomx jiddepożitaw dikjarazzjonijiet ġodda.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Awstrija u lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. SIMSON